Is-sitta (6) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Quddiemi, Dottor Vincent Miceli Nutar Pubbliku Malti fid-Dipartiment ta` l-Artijiet deheru personalment hekk kif identifikaw ruhhom bid-dokumenti taht imsemmija:

Albert Mamo, bin il-mejtin Anthony u Rose nee` Pace mwieled Sliema u joqghod Swieqi li ghandu karta ta` l-identita` b`numru 37151(M) Kummissarju ta` l-Artijiet, kif awtorizzat biex jidher fuq dan il-kuntratt f`isem il-Gvern ta`Malta bis-sahha ta` minuta li ggib id-data tas-sebgha ta` Frar tas-sena elf disa`mija tnejn u sittin fuq karti mmarkati "Secretariat" numru mitejn wiehed u erbghin tal-istess sena elf disa` mija tnejn u sittin, karti relattivi ghal dan l-att huma mmarkati 'Land' numru mija disa` u erbghin zbarra tnejn u sebghin zbarra disa` u tletin hawn taht imsejjah bhala 'il-Gvern' kif debitament awtorizzat.

Kenneth De Martino,Secretary General, bin Joseph u Josephine nee Fenech Soler twieled Sliema u joqghod Swieqi ( karta ta` identita` 467360(M); Mark Pizzuto, Director Finance, bin Michael u Emma nee Darmenia Grech twieled Floriana u joqghod San Giljan ( karta ta`identita` 253454(M) u Francis Flynn, membru tal-Board of Trustees, bin Harry u Mary nee Urry twieled Cospicua u joqghod San Gwann ( karta tal- identita` 829733(M) li qieghdin jidhru fuq dan l-att f`isem u ghan-nom ta` **"The Scouts Association of Malta"**, kif debitament awtorizzati bis-sahha ta` dokument markat bl-ittra "A" hawn anness ghar-registrazzjoni, hawn taht imsejha bhala **"l-enfitewta"**

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti ufficjali fuq indikati.

Bis-sahha ta` dan l-att, il-Gvern ta` Malta qieghed jaghti b`titolu ta` enfitewsi temporanja ghal perjodu ta` disgha u erbghin (49) sena b`effett mil-lum lil fuq imsemmi "enfitewta" li bl-istess titolu qieghed jaccetta u jakkwista bicca art ( bil-benefikati ezistenti fuqha) f` Ghajn Tuffieha limiti tal-Mellieha tal-kejl komplessiv ta` circa tlieta u sittin elf mitejn u ghoxrin metri kwadri li tmiss mill-lvant, punent u nofsinhar ma` gid tal-Gvern. Din l-art tgawdi sevitu` ta` dritt ta` twieqi li jharsu min naha tat-tramuntana fuq propjeta` tal-Gvern, moghtija b`cens.

L- immobbli hawn fuq deskritta hija murija bil-bordura hamra fuq Pjanta 'Land Department' numru mija sebgha u disghin zbarra disa` u disghin u kif identifikata fuq 'Survey Sheet' inserita fl-istess pjanta L.D.197/99 u mmarkata dokument ittra "X" hawn annessa.

Din il-koncessjoni enfitewtika qeghda ssir u tigi accettata bil-kundizzjonijiet u pattijiet li gejjin u cioe` :-

1. Versu c-cens annwu u temporanju ta` hames telef u tmin mitt Lira Maltija ( LM5800) li ghal l-ewwel sentejn qieghed jigi ridott amministrattivament ghal elfejn Lira Maltija (Lm2000) fis-sena, waqt li ghas-sentejn ta` wara qieghed jigi ridott amministrattivament ghal tlett elef u hames mitt Lira Maltija (Lm3500) fis-sena. Ic-cens huwa reviddibli gheluq kull hames (5) snin bir-rata ta` ghaxra fil-mija (10%) applikabbli meta ssir

Att numru:

**117/2001**

**Enfitewsi Temporanja**

Insinwat:

**14/06/201**

Numru:

**Vol I. 8630/01**

**LRA: 1405/01**
**LRC:942/01**

ir-revizzjoni. L-imsemmi cens jithallas bis-sena 'l quddiem. L-ewwel revizzjoni ghandha ssir hames snin wara li jkun beda jithallas ic-cens intier.

2. L-imsemmi perjodu ta` cens jista` jigi pprorogat mill-Gvern favur l-enfitewta fl-gheluq tieghu ghal perjodi ohra tal-istess durata.

3. Il-hlas tac-cens jitqieghed mill-Kummissarju ta` l- Artijiet ossija ufficjal governattiv responsabbli mill-gbir tal-hlas tac-cens, fi zmien xahrejn minn meta dan jithallas, f'fond imsejjah "Sports fund" li jkun amministrat mill-Kunsill Malti ghall-Isport.

4. L-art enfitewtika ghandha tintuza esklussivament ghall-attivitajiet konnessi ma` l-Iskop ta` l- 'Scouts Assosciation of Malta' li tista tinkludi ufficini amministrattivi, u facilitajiet ohra ghal min juza jew jiffrekwenta din il-propjeta`, izda mhux tali li jinbidel in-natura principal. L'enfitewta jista` jaghmel facilitajiet ta` ikkampjar taht it-tined ta` livell internazzjonali kemm ghall-uzu minn `scouts` kif ukoll minn individwi li ma` humiex `scouts` bil-kundizzjoni li l-istess facilita` ta` ikkampjar taht it-tined tibqa` tigi operata u tibqa` taht ir-responsabbilita` ta` l- iScouts Association of Malta. L-enfitewta huwa obbligat li jaghmel benefikati permanenti fuq l-art enfitewtika li jiswew mhux anqas minn hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000), liema benefikati ghandhom jibdew jinbnew fi zmien sena mill-hrug tal- permessi necessarji ghall-bini. Il-benefikati permanenti jridu jitlestew fi zmien tlett (3) snin minn meta jinhareg il-permessi kollha necessarji sabiex ikunu jistghu jigu eretti l-benefikati msemmija.

5. Il-Gvern, permezz tad-Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport ghandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta` dan l-att jigu osservati mill-enfitewta.

6. L-enfitewta ghandu l-obbligu li jzomm il-propjeta` fi stat tajjeb ta` manutenzjoni u jaghmel dawk ix-xoghlijiet u t-tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha necessarji ghal dan il-ghan, u dana minghajr ebda dritt ta` rimbors jew kumpens.

7. Kemm-il darba il-Gvern jezercita d-dritt tal-esproprijazzjoni skond ligijiet vigenti huwa jkun obbligat biss li jhallas kumpens ghal l-ispejjes li jkunu saru fuq l-art esproprijata.

8. Fl`gheluq tal-koncessjoni enfitewtika u/jew xoljiment terminazzjoni ta` l-enfitewsi, kwalunkwe benefikati jew miljoramenti maghmulin isiru "ipso facto" tal-Gvern u l-enfitewta ma ghandu fl-ebda zmien, dritt ta` kwalunkwe kumpens ghal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista jkun ghamel.

9. Il-propjeta` tkun ghall-uzu tal-ferghat kollha lokali ta` l-iScouts Association of Malta kif ukoll ghaz-zjarat fil-hinijiet ta` l-iskola ghat-tfal ta` l-iskola, bla hlas hlief ghal servizzi provduti ta` tindif u sigurta`. Jekk ma jkunx hemm qbil, dwar dan il-ftehim il-kwistjoni tmur quddiem id-Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport u d-decizjoni tieghu tkun finali.

10. Il-Ministru jew Segretarju Parlamentari responsabbli miz-Zaghzagh u Sport ghandu jibghat kopja tal-kuntratt bil-

kundizzjonijiet kollha miftehma mal-enfitewta lill-Kunsill Lokali fejn tinsab il-propjeta` trasferita.

11. L-enfitewta huwa direttament responsabbli lejn il-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli miz-Zaghzagh u Sport. Ghal dan il-ghan kull persuna awtorizzata mill-istess Ministru jew Segretarju Parlamentari ghandha tithalla tidhol biex taghmel, f` kaz ta` bzonn, spezzjoni l-propjeta` trasferita. F` kull kaz din l-ispezzjoni ghandha ssir fil-prezenza ta` ufficjal inkarigat ta` l-iScouts Association of Malta.

12. Il-Gvern u l-Kunsill Lokali, permezz tal-Ministru responsabbli miz-Zaghzagh u Sport ikollhom id-dritt li jaghmlu uzu mill-facilitajiet ta` l-enftewta ghall-perjodu ta` gimaghtejn mhux bil-fors li jkunu konsekuttivi. Irid jinghata pre-avviz ta` mill-anqas xahar lill-enfitewta u d-dati jkunu ffissatti f` konsultazzjoni mal-enfitewta koncernat. Jekk ma jkunx hemm qbil dwar dan il-ftehim il-kwistjoni tmur quddiem id-Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport u d-decizjoni tieghu tkun finali.

Id-Dipartiment ta` l-Edukazzjoni u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli miz-zghazagh jkollhom id-dritt li jaghmlu uzu jew jorganizzaw attivitajiet fl-immobbli koncess kontra hlas li jkopri biss l-ispejjez involuti. Dan isir bi pre-avviz minn qabel ta` mhux anqas minn sitt (6) gimghat sa kemm ma` jkunx hemm qbil xorta ohra bejn il-partijiet.

13. L-Assocjazzjoni ta` l-Iscouts ta` Malta tintrabat illi zzomm fl-istess sit il- "Mediterranean Scouts Jamboree" sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jkunu tlestew il-benefikati permanenti fi klawsola erbgha (4) ta` dan l-att, li ghaliha ghandhom jattendu tlett elef (3,000) 'scouts'.

14. Fl-uzu tal-facilitajiet koncessi m`ghandux ikun hemm diskriminazzjoni minhabba kulur,razza,religjon, politika jew sess.

15. L-enfitewta ma` jistax icedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu iehor jitrasferixxi l-propjeta` enfitewtika lil terzi persuni jew jidhol fi shubija dwar it-tmexxija tal-propjeta` imsemmija jew ta` xi parti minnha, (hlief ghal xi facilitajiet tal-bar jew catering,basta ma tinbidilx in-natura principali tal-kumpless kif stipulat fil-klawsola erbgha (4) ta` dan l-att,) minghajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti. Ir-restrizzjoni msemmija f` din il-klawsola ma ghandiex taffettwa trasferimenti li jsiru b`subbasta fuq talba ta` xi Bank jew Istituzzjoni Finanzjarja li tkun selfet flus sabiex isiru l-benefikati fuq l-art enfitewtika.

L-enfitewta ghandu l-jedd li jigbor mizati xierqa u ragjonevoli ghal uzu temporanju tal-facilitajiet li jinstabu fl-art enfitewtika. Id-Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport ghandu l-jedd li jara li din il-mizata hi wahda xierqa u ragjonevoli.

16. L-enfitewta huwa obbligat li jaghti lid-Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport kopja tal-Istatut, l-isem tal-membri tal-kumitat u jibghat kopja tal-Accounts. L-enfitewta huwa obbligat ukoll li jinforma lid- Dipartiment taz-Zaghzagh u Sport bi kwalunkwe tibdil li jkun sar fl-Istatut.

17. L-enfitewta ghandu jaghmel polza tas-sigurta dwar riskji ghal terzi persuni u kontra l-hsarat fl-imsemmija propjeta`.

18. L-enfitewta ghandu l-obbligu mhux biss li jzomm l-immobbli fi stat tajjeb ta` manutenzjoni izda ukoll li jkollu prezenza effettiva ta` 'warden' fuq l-istess sit.

19. Lill-Gvern jintrabat li permezz tal-Ministeru ta` l-Ambjent jaghmel a spejjez tieghu ix-xogholijiet segwenti :
i) 'fencing' jew 'boundary wall' tal-gebel jew 'enclosure' bis-sigar ;
ii) formazzjoni ta` passaggi;
iii) thawwil ta`sigar;
iv) 'landfill' kemm il-darba jkun necessarju;
u dana skond pjanti approvati mill-Ministeru ta` l-Ambjent u l-Awtorita` ta` l-Ippjanar.

20. Jekk l-enfitewta jxolji jew jekk ikun waqaf mill-attivita tieghu, it-titolu fuq l-imsemmija propjeta` jintemm "ipso iure" u il-propjeta` tghaddi lura ghand il-Gvern immedjatament bil-miljoramenti/benefikati kollha li jkunu sehhu fih

Il-Gvern ghandu dritt li jhassar u jxolji dina l-enfitewsi temporanja fil-kazijiet li gejjin:-
(i) jekk isir uzu differenti minn dak stipulat aktar il-fuq.
(ii) jekk l-enfitewta jokkupa art li ma hiex inkluza f`dina l-koncessjoni enfitewtika;
(iii) jekk l-enfitewta jtemm l-attivita tieghu.
(iv) jekk l-enfitewta jonqos li jhallas ic-cens ghal tlett snin jew ikun morus fi hlas ta` cens li jammontaw daqs tlett snin cens.
(v) jekk l-enfitewta ma jaghmilx il-benefikati imsemmija fiz-zmien stipulat.

Bhala garanzija tal-hlas tal-imsemmi cens annwu u temporanju u ta` l-esekuzzjoni ta` l-obbligi l-ohra li johorgu minn dan l-att, l-enfitewta qieghed jipoteka favur il-Gvern ta` Malta l-beni kollha tieghu in generali prezenti u futuri oltre Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali skond il-ligi fuq il-propjeta` b`dan l-att trasferita.

Ghall-fini tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti, qieghed jigi dikjarat li l-ebda taxxa fuq dan l-att m`hi dovuta peress illi l-istess ezenzjoni giet approvata mill-Parlament fil-minuta tal-kuntratt.

Id-drittijiet u l-ispejjez ta` dan il-kuntratt ghandhom jithallsu mill-enfitewta.

Din il-koncessjoni enfitewtika qeghda ssir bl-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti tas-seduta numru tlett mija tlieta u erbghin tal-hdax ta` Lulju tas-sena elfejn.

Dan il-kuntratt m`hu bl-ebda mod jahfer u/jew jippregudika d-dritt tal-Gvern ghal kwalunkwe ammont dovut lilu sal-lum minhabba l-okkupazzjoni ta` l-istess propjeta`.

Dan l-att gie maghmul moqri u pubblikat wara li jien Nutar taht iffirmat fissirt dak li fih lill-partijiet skond il-Ligi fl-Ufficcju ta` l-Iscouts bla numru fil-Floriana.

Fti- Kenneth DeMartino
Mark Pizzuto
Francis Flynn
Albert Mamo
Vincent Miceli
Nutar Pubbliku Malti fid-Dipartiment tal-Artijiet.

| |
|---|
| Att Numru |
| **Att ta' Modifika** |
| Insinwat |
| INS: |
| L/R: |

Quddiemi, , Nutar Pubbliku mal-Awtorita' tal-Artijiet, qegħdin jidhru personalment wara li vverifikajt l-identita' tagħhom mid-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:-

Mill-ewwel parti:

għan-nom u in rappreżentanza **tal-Awtorita` tal-Artijiet,**
- Hawn aktar 'il quddiem magħrufa bħala ***'il-Gvern ta' Malta'*** skont il-każ.

Dokumentazzjoni relattiva tinsab fil-*file* Land numru.

Mit-tieni parti:

li lkoll flimkien qegħdin jidhru fuq dan l-att odjern f'isem u in rappreżentanza ta' **'The Scouts Association of Malta'**, kif debitament awtorizzati bis-saħħa ta' dokument immarkat bl-ittra 'A' hawn anness għar-reġistrazzjoni,
- Hawn aktar 'il quddiem magħruf bhala ***'L-Assoċjazzjoni'*** u/jew ***'l-Enfitewta'*** skont il-każ.

Konġuntament, il-Gvern ta' Malta u l-Enfitewta huma hawn aktar 'il quddiem magħrufa bħala ***'il-Partijiet'***.

**Premessa:**

1. Qabel xejn, il-Partijiet jippremettu u jiddikjaraw is-segwenti :-

- Illi in forza ta' kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-Gvern ta' Malta kien ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' disgħa u erbgħin (49) sena, b'effett mid-data tal-imsemmi kuntratt, lil fuq imsemmi Enfitewta, li bl-istess titolu kien aċċetta u akkwista s-segwenti proprjeta':-

Biċċa art bil-benefikati eżistenti fuqha f'Għajn Tuffieħa, limiti tal-Mellieħa, tal-kejl kumplessiv ta' ċirka tlieta u sittin elf, mitejn u għoxrin metri kwadri (63,220mk) li tmiss mil-lvant, punent u nofsinhar ma' ġid tal-Gvern. Din l-art tgawdi servitu' ta' dritt ta' twieqi li jħarsu min-naħa tat-tramuntana fuq proprjeta' tal-Gvern, mogħtija b'ċens,

- Hawn aktar 'il quddiem magħrufa bhala ***'Is-Sit Enfitewtiku'***.

Is-Sit Enfitewtiku hawn fuq deskritt huwa muri bil-bordura ħamra fuq il-Pjanta mmarkata *Land Department* numru mija sebgħa u disgħin żbarra disgħa u disgħin (LD 197/99), annessa mal-kuntratt suċitat u mmarkata Dokument ittra 'X'.

- Illi din il-konċessjoni saret u ġiet aċċettata versu ċ-ċens annwu u temporanju ta' ħamest elef u tmien mitt Lira Maltija (LM5,800), ekwivalenti għal tlettax-il elf, ħames mija u għaxar Ewro u sitta u tletin ċenteżmi (€13,510.36c), li għall-ewwel sentejn ġew ridotti amministrattivament għal elfejn Lira Maltija (LM2,000) fis-sena, ekwivalenti għal erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€4,658.75c), filwaqt li għas-sentejn ta' wara ġew ridotti amministrittivament għal tlett elef u ħames mitt Lira Maltija (LM3,500) fis-sena, ekwivalenti għal tmint elef, mija u tnejn u ħamsin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€8,152.81c). Iċ-ċens huwa rivedibbli għeluq kull ħames (5) snin bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) applikabbli meta ssir ir-reviżjoni. L-ewwel reviżjoni saret ħames snin wara li beda jitħallas iċ-ċens intier.

2. Il-Partijiet jiddikjaraw u jippremettu :-

- Illi porzjon art tal-kejl ta' madwar elfejn, sitt mija u tlieta u għoxrin metri kwadri (2,623mk) hija kontigwa mas-Sit Enfitewtiku li ġie konċess lill-Enfitewta permezz tal-kuntratt suċitat, liema porzjon art hija murija aħjar bil-bordura / *cross-hatched* ħamra u mmarkata bl-ittra 'B' fuq il-*Property Drawing* numru mija u sebgħa u disgħin *underscore* disgħa u disgħin *underscore* ittra 'a' numru wieħed (PD 197_99_a1), hawn annessa u mmarkata Dokument ittra 'W' ;

- Illi l-Assoċjazzjoni in *bona fede* kienet tqis din il-porzjon art tal-kejl ta' madwar elfejn, sitt mija u tlieta u għoxrin metri kwadri (2,623mk) bħala li tifforma parti mis-Sit Enfitewtiku, b'tali mod li l-istess Assoċjazzjoni ħadet pussess ta' din il-porzjon art u bdiet tamministra din il-porzjon art mill-bidu tal-konċessjoni enfitewtika ppubblikata fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) ;

- Illi, stante li r-*road alignment* mal-faċċata tas-Sit Enfitewtiku ser jinbidel skont pjan tal-Awtorita' tal-Ippjanar, porzjon art oħra ser tiżdied mas-Sit Enfitewtiku u dan sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha faċċata fuq it-triq, liema porzjon art għandha kejl ta' madwar disa' mija u seba' metri kwadri (907mk) u hija murija aħjar bil-bordura ħadra u mmarkata bl-ittra 'C' fuq l-istess *Property Drawing* PD 197_99_a1 Dokument ittra 'W';

- Illi, stante li dawn iż-żidiet fil-kejl ta' madwar elfejn, sitt mija u tlieta u għoxrin metri kwadri (2,623mk) u madwar disa' mija u seba' metri kwadri (907mk) rispettivament, li konġuntament juru żieda ta' madwar tlett elef u ħames mija u tletin metri kwadri (3,530mk) mill-kejl superfiċjali oriġinali ta' tlieta u sittin elf, mitejn u għoxrin metri kwadri (63,220mk) tas-Sit Enfitewtiku, u ċioe' juru żieda ta' ċirka sitta fil-mija (6%), għaldaqstant iċ-ċens *pro tempore* gravanti s-Sit Enfitewtiku għandu jiżdied b'sitta fil-mija (6%) sabiex jirrifletti din iż-żieda fil-kejl.

3. Il-Partijiet jippremettu u jiddikjaraw ukoll is-segwenti :-

- Illi l-konċessjoni enfitewtika saret u ġiet aċċettata bħala soġġetta għat-termini u kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt suċitat, liema termini kundizzjonijiet kienu jinkludu, *inter alia*, il-kundizzjoni li s-Sit Enfitewtiku għandu jintuża esklussivament għall-attivitajiet konnessi mal-iskop tal-Assoċjazzjoni, li jistgħu jinkludu uffiċini amministrattivi; u l-kundizzjoni li l-Enfitewta jista' jagħmel faċilitajiet ta' kkampjar taħt tined ta' livell internazzjonali kemm għall-użu minn *scouts* kif ukoll minn individwi li mhumiex *scouts*, bil-kundizzjoni li l-istess faċilita' ta' kkampjar taħt tined tibqa' tiġi operata u tibqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Assoċjazzjoni ;

- Illi, parti mis-Sit Enfitewtiku tal-kejl ta' ċirka ħamest elef, disa' mija u wieħed u sittin metri kwadri (5,961mk) tiġi kkonvertita f'parkeġġ organizzat u regolarizzat, liema parti hija murija aħjar bil-bordura/kulur isfar u mmarkat bl-ittra 'D' fuq l-istess *Property Drawing* PD 197_99_a1 Dokument ittra 'W', u liema parti tinkludi

parti mis-sit immarkat bl-ittra 'B', deskritt ahjar aktar 'il fuq fuq dan l-att.

4. Il-Partijiet jippremettu u jiddikjaraw ukoll is-segwenti :-

- Illi, stante li l-Assoċjazzjoni ffurmat kumpanija msemmija *'TSAM Limited'*, detentriċi tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija (C-71793), u dan ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu tliet mija sitta u tmenin (Kap 386) tal-Liġijiet ta' Malta, u ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artiklu tmienja u tletin (38) tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu erba' mija tnejn u disgħin (Kap 492) tal-Liġijiet ta' Malta;

- Illi, għal raġunijiet ta' akkontabilta', l-Assoċjazzjoni tixtieq li *'TSAM Limited'* tiġi inkarigata bit-tmexxija tas-Sit Enfitewtiku a bażi tal-*Memorandum* u l-Istatut viġenti ta' *'TSAM Limited'*.

5. Il-Partijiet jippremettu u jiddikjaraw ukoll is-segwenti :-

- Illi fl-Artiklu wieħed u tletin (31) paragrafu ittra 'c' tal-istess Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573), huwa maħsub li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita ai termini ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

Għalhekk, il-Partijiet dehru fuq dan l-att odjern sabiex :-

i. Jimmodifikaw il-kuntratt suċitat, b'tali mod li s-sit immarkat bil-bordura / 'cross hatched' ħamra u mmarkat bl-ittra 'B', u s-sit bil-bordura ħadra u mmarkat bl-ittra 'C', it-tnejn murija fuq il-*Property Drawing* PD 197_99_a1 (Dok W), jiġu miżjuda mas-Sit Enfitewtiku u għaldaqstant jiġu inklużi fil-konċessjoni enfitewtika, sabiex is-Sit Enfitewtiku debitament rivedut ikun dak bil-bordura ħamra bil-kejl superfiċjali ta' ċirka sitta u sittin elf, seba' mija u ħamsin metri kwadri (66,750mk), hekk kif muri fuq il-*Property Drawing* PD 197_99_a1, hawn annessa u mmarkata Dokument 'W' ;

ii. Jimmodifikaw il-kuntratt suċitat, b'tali mod li din iż-żieda ta' madwar sitta fil-mija (6%) fil-kejl tiġi riflessa fl-ammont ta' ċens *pro tempore* dovut mill-Enfitewta, u għalhekk l-ammont taċ-ċens *pro tempore* ekwivalenti għal sittax-il elf, tliet mija u sebgħa u erbgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€16,347.54c), debitament rivedut fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u sussegwentament fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax

(2015), jiġi miżjud għal sbatax-il elf, tliet mija u tmienja u għoxrin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmi (€17,328.39c) pagabbli fis-sena u rivedibbli ai termini tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikata fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), u dan għaż-żmien li fadal mit-terminu oriġinali ta' disgħa u erbgħin (49) sena ;

iii. Jimmodifikaw il-kuntratt suċitat, b'tali mod li mal-frażi tal-konċessjoni enfitewtika ppubblikata fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), *"li tista' tinkludi uffiċini amministrattivi,"*, għandu jiżdied il-kliem: *"operat parkeġġ għall-pubbliku, faċilitajiet oħra sportivi jew edukattivi"* ;

iv. Jimmodifikaw il-kuntratt suċitat, b'tali mod li mal-frażi tal-konċessjoni enfitewtika ppubblikata fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), *"faċilitajiet ta' kkampjar taħt it-tined"* għandu jiżdied il-kliem *"temporanjament ġewwa barracks"* ;

Qiegħed jiġi ddikjarat illi, apparti l-modfiki hawn fuq imsemmija, il-Partijiet jagħmlu referenza għall-klawsola numru ħmistax (15) tal-att ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikata fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), liema klawsola tistipula s-segwenti :-

*'L-enfitewta ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor jittrasferixxi l-proprjeta' enfitewtika lil terzi persuni jew jidħol fi sħubija dwar it-tmexxija tal-proprjeta' msemmija jew xi parti minnha (ħlief għal xi faċilitajiet tal-*bar *jew* catering, *basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless kif stipulat fil-klawsola 4 ta' dan l-att), mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti.'*

Għal fini ta' kjarezza, qiegħed jiġi ddikjarat illi l-imsemmija klawsola numru ħmistax (15) tal-kuntratt suċitat għandha tiġi interpretata b'tali mod li l-enfitewta ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor jittrasferixxi l-proprjeta' enfitewtika jew xi parti minnha lil terzi persuni.

Illi, permezz ta' dana l-att odjern u dan konformi mal-klawsola numru ħmistax (15) tal-kuntratt suċitat, il-Partijiet jikkonfermaw u jispeċifikaw illi l-Assoċjazzjoni ma tkunx tista' tittrasferixxi s-Sit Enfitewtiku jew xi parti minnu lil ħadd ħlief lil *'TSAM Limited' (C-71793).*

Għaldaqstant, **bis-saħħa ta' dana l-att odjern**, il-Partijiet qegħdin preżenzjalment jimmodifikaw il-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), bil-modi hawn fuq deskritti.

Salv kif fuq stipulat, il-Partijiet qegħdin jikkonfermaw u jirratifikaw il-termini u kundizzjonijiet l-oħra kollha, inklużi l-kundizzjonijiet tal-klawsola numru ħmistax (15) suċitata, stipulati fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), liema termini u kundizzjonijiet jibqgħu validi u mhux mibdula.

**Dikjarazzjonijiet Statutorji:**

Għall-finijiet tal-Att numru sbatax (XVII) tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), qiegħed jiġi ddikjarat illi l-boll dovut fuq l-att odjern jammonta għal ______________________.

Għall-finijiet tal-Att numru tmintax (XVII) tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994), qiegħed jiġi ddikjarat illi l-ebda *Property Transfers Tax* mhi dovuta fuq l-att odjern stante li l-Gvern ta' Malta huwa eżenti mill-ħlas ta' taxxa.

Għall-fini tal-Artikolu disgħa sub-artikolu tnejn (9[2]) tal-Att numru sbatax (XVII) tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu tliet mija u erbgħa u sittin tal-Liġijiet ta' Malta) il-Partijiet għal dan il-att jiddikjaraw illi ma hemm l-ebda bini jew tip ta' kostruzzjoni oħra fuq il-porzjonijiet hawn fuq deskritti. Il-partijiet qegħdin jagħmlu din id-dikjarazzjoni wara illi jiena Nutar sottoffirmata wissejthom bl-importanza tal-veraċita` ta' dina d-dikjarazzjoni tagħhom u wara li wissejthom ukoll dwar il-fatt li jekk jagħmlu dikjarazzjoni falza, jkunu soġġetti għall-penali kontemplati fl-Artikolu disgħa (Art.9) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

Qiegħed jiġi ddikjarat mill-Partijiet illi l-valur mogħti lill-immobbli huwa ġust u reali u dan wara li jien Nutar sottofirmata wissejt lill-partijiet dwar l-importanza tal-veraċita` ta' din id-dikjarazzjoni tagħhom.

Għall-fini tal-Att dwar Reġistrazzjoni ta' Artijiet qiegħed jiġi ddikjarat illi l-immobbli hawn fuq imsemmi **huwa reġistrat bit-titolu numru xxxxxxxxx**.

L-Enfitewta, debitament rappreżentat, jiddikjara illi huwa jikkwalifika sabiex jakkwista l-proprjeta` fuq trasferita mingħajr bżonn ta' permess tal-akkwist ta' proprjeta` immobbli minn persuni mhux residenti **(...)**

Dina d-dikjarazzjoni qiegħda ssir wara li n-Nutar sottofirmata spjegatilhom l-importanza tagħha skont il-Liġi.

Għall-finijiet ta' subartikolu tnax (12) tal-Artikolu ħamsa ittra kapitali 'A' (5A), il-Partijiet jiddikjaraw illi min-naħa tagħhom iddikjaraw lin-Nutar sottofirmat il-fatti kollha illi jiddeterminaw jekk it-trasferiment huwiex wieħed li għalih Artikolu 5A japplika u illi huma relevanti sabiex jiġi aċċertat l-ammont proprju ta' taxxa dovut jew xi eżenzjoni, inkluż il-valur illi fl-oppinjoni tagħhom raġonevolment jirrifletti l-valur fis-suq tal-istess proprjeta' jekk il-valur mogħti huwa ogħla mill-ammont imħallas għat-trasferiment. Il-Partijiet qed jagħmlu din id-dikjarazzjoni wara li jien Nutar sottofirmat wissejthom dwar l-importanza tal-veraċita' ta' tali dikjarazzjoni.

Għall-fini tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu ħames mija tlieta u sebgħin (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, dan l-att u kull waħda mill-partijiet u kundizzjonijiet hawn fuq imniżżla ġew approvati mill-Kamra tad-Deputati ta' Malta in forza ta' reżoluzzjoni speċjali magħmula waqt is-seduta ta' ________.

L-ispejjeż ta' dan l-att huma a karigu tal-Kumpratur.

Jiena Nutar sottofirmata niddikjara espressament ai termini tar-Regoli numru erbgħa (4) tar-Regolamenti dwar l-Eżami tat-Titolu tas-sena elfejn u tnax (2012), Avviz Legali tliet mija ħamsa u ħamsin (355) tas-sena elfejn u tnax (2012), li jiena *ipso iure* eżenti mill-eżaminazzjoni tat-titolu tal-proprjeta' immobbli aktar 'il fuq deskritta u tal-kawżi ta' preferenzi tal-kredituri li jaffettwaw l-istess titolu u li jiena spjegajt l-importanza u l-konsegwenza lill-akkwirenti ta' din l-eżenzjoni. L-Enfitewta jikkonferma illi n-Nutar sottofirmata spjegatlu l-importanza u l-konsegwenza ta' din id-dikjarazzjoni u tal-eżenzjoni.

Dan l-att ġie magħmul, moqri u ppubblikat wara d-debita ċerzjorizzazzjoni skont il-ligi fl-Uffiċċju tal-Awtorita' tal-Artijiet, bla numru uffiċjali, fi Triq San Bastjan, fil-Belt Valletta, Malta.




| | |
|---|---|
| A | ORIGINAL EXTENT OF PROPERTY No.: 76729 AREA : 63,220m² |
| B | ADDITIONAL AREA : 2,823m² |
| C | AREA : 597m² (CHANGE IN ROAD ALIGNMENTS) |
| | NEW EXTENT OF PROPERTY No.: 76729 AREA : 66,736m² |

NOTE :

| | |
|---|---|
| D | AREA FOR PARKING FACILITIES AREA: 5,861m² |

**DRAFT COPY**

LANDS Authority

Estate Management & Business Development

Locality: VALLETTA

P.D. No: 197_96_a1 | Scale: 1 : 1000

File No: L 275_1991_b | Drawn by: demir001

Date: 16th January 2020

Chief Officer - Estate Management & Business Development

Date: 16th January 2020